MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Numru 964/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**ROBERT ZAHRA**

**Illum 4 ta’ Frar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Robert Zahra ta’ 29 sena iben Joseph u Carmen nee` Spiteri, imwieled Pieta` fi 23 ta’ Settembru 1974, residenti fi ‘Giorgio Apartments’, Numru 3, Trieq il-Qanpiena l-Kbira, B’Kara, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 469974M gie akkuzat:

Talli fil-15 ta’ Ottubru 2002 u f’dati precedenti, f’St. Andrews u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprisi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm3600 bi hsara lil Francis Bezzina u Mary Anne Bezzina minn St. Andrews. U dan bi ksur ta’ l-artikli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok. EMC3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum, li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hi konsapevoli li l-imputat diga` ghamel xi pagamenti lill-parte civile.

Innutat ukoll li l-imputat iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li qed jobbliga ruhu li jhallas il-bilanc li fadal lill-parte civile Francis u Maryanne Bezzina f’pagamenti mensili ta’ mhux anqas minn Lm60 ghal kull pagament mensili u dan b’effett minn dan ix-xahar. Inoltre innotat li fl-istess Verbal il-parte civile Francis Bezzina f’ismu u f’isem il-parte civile

l-ohra Maryanne Bezzina iddikjara li qed jaccetta dan il-ftehim.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Robert Zahra, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkuzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hi konsapevoli li l-imputat diga` ghamel xi pagamenti lill-parte civile, li l-imputat iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li qed jobbliga ruhu li jhallas il-bilanc li fadal lill-parte civile Francis u Maryanne Bezzina f’pagamenti mensili ta’ mhux anqas minn Lm60 ghal kull pagament mensili u dan b’effett minn dan ix-xahar u li fl-istess Verbal il-parte civile Francis Bezzina f’ismu u f’isem il-parte civile l-ohra Maryanne Bezzina iddikjara li qed jaccetta dan il-ftehim, kif ukoll li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Robert Zahra l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------